**ESPRESSJONI TA' INTERESS**

**PROVVEDIMENT TA' SERVIZZI BĦALA WINCH ATTENDANTS F' LOKALITAJIET VARJI**

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U PROVISTA TAL-IKEL**

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultra fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Provista tal-Ikel jgħarraf illi Espressjonijiet ta' Interess magħluqa jintlaqgħu fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, l-Għammieri, Triq l-Ingiered, Il-Marsa, fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

**Data tal-Ftuħ tal-applikazzjoni: It-Tnejn 6 ta Lulju 2026**

**Data tal-Għeluq tal-applikazzjoni: It-Tnejn 13 ta Lulju 2026 sa 12:00**

EOI. Nru. DFA EOI 01/2026. Provvediment ta' servizzi għal persuni legali jew naturalizzati bħala winch attendant għal zmien ta' tlett snin (3), kif mitlub mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Is-servizz li għandu jingħata jinkludi, izda mhux limitat għal:

i. Ftuħ u għeluq tal-winch room assenjata, għal meta jeħtieg ġbid u varar ta bastimenti mis-sajjieda;

ii. L-applikant għandu jaċċetta din ir-responsabbilta bil-kitba, bħala kundizzjoni fil-kuntratt għal servizz. Kwalunkwe konflitt ta nteress li jeżisti qabel jew waqt l-għoti tas-servizz għandu jiġi ddikjarat mill-applikant.

Lokalitajiet tal-Winch Rooms:

Birżebbuġa, Breakwater fil-Bajja ta' San Gorg

Gnejna, Il-Bajja tal-Gnejna

Formoli tal-Applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, l-Għammieri, Triq l-Ingiered, Il-Marsa, fil-jiem tax-xogħol bejn it-08:30 u s-14:00, sad-data tal-għeluq.